**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Kumpilazzjoni numru: 77 /2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Scerri)**

**vs**

**Frankie Camilleri**

**Illum, 22 ta' Diċembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

**Frankie Camilleri,** detentur tal-karta tal-identita bin-numru tal-Karta tal-Identita: 0017192G.

'Talli f'dawn il-Gzejjer fl-20 ta' Dicembru 2019 u/jew fil-ġimgħat ta' qabel din id-data;

1. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni

għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ***liema droga instabet f’tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu.***

2. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Talli sar reċidiv b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta’ Malta preseduta minn diversi maġistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jiġu mibdula

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija, barra li tinfliġġi il-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oġġetti kollha esebiti.

Il-Qorti ġiet mitluba ukoll li f'kaz ta’ ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet l-ammissjoni tal-imputat;

Tat zmien raġonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkuzi, l-Qorti ssospendiet fattwalment is-smiegħ tal-kawża u tat zmien lill-imputat sabiex jerġa' jikkonsulta mal-Avukat Difensur tiegħu u jerġa' jikkunsidra l-ammissjoni tiegħu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat reġa' afferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jirrikunsidra l-posizzjoni tiegħu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċċjal Prosekutur;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat;

Illi stante ammissjoni l-akkużi miġjuba kontra l-imputat jirrizultaw pruvati u għalhekk il-Qorti ma tistax ħlief issib ħtija fl-imputat.

Illi l-Qorti għalhekk fuq ammissjoni qegħda ssib lill-imputat ħati ta' l-akkuzi kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi in konsiderazzjoni tal-piena idoneja l-Qorti ikkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-kollaborazzjoni tal-imputat mal-Pulizija u l-fedina penali tal-imputat.

Illi l-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lill-imputat ħati tal-akkuzi kif dedotti kontrih, u tikkundanna lill-imputat għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000).

Il-Qorti qeghda ukoll tpoġġi lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini tal-Art 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti qeghda wkoll tordna d-distruzzjoni tad-droga li tinsab esebita fl-atti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat, u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spegjat lill-imputat fi kliem ċar l-obbligi tiegħu taħt din is-sentenza.

(ft.) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.

(ft) Diane Farrugia
Deputat Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur